**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-12 ta' April, 2023**

**Rikors numru: BCT/02/2023**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Daniela Dalli, Paul Dalli u Anthony Bugeja**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

It-Tribunal

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanti fejn huma ppremettew u talbu is-segwenti:

1. *Illi permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata datati 27 ta' Diċembru, 2022, kopja ta' liema qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok. PD1*** *u* ***Dok. PD2,*** *kkomunikati lil Paul Dalli u lil Anthony Bugeja rispettivament, l-Awtorità intimata ikkundannat lill-imsemmijin Paul Dalli u Anthony Bugeja qua Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit u Kuntrattur jħallsu penali amministrattivi ta' erba mitt euro (€400) kull wieħed minħabba allegat nuqqas ta' osservanza tar-responsabbilitajiet għall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu;*

2. *Illi l-appellanti jħossuhom aggravati minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qiegħdin jintavolaw l-appell odjern għas-segwenti raġunijiet;*

3. *Illi preliminarjament id-deċiżjonijiet appellati huma nulli stante li ma ingħatawx raġunijiet suffiċjenti skont il-liġi għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità. Filwaqt illi d-deċiżjonijiet b'mod vag jgħidu illi ma ġietx infurzata id-dikjarazzjoni tal-metodu, l-Awtorità naqset milli tispjega kif u fejn ma saritx tali implimentazzjoni u infurzar;*

4. *Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju, l-esponenti appellanti jirrilevaw illi huma ottemperaw ruħhom mad-dikjarazzjoni tal-metodu in kwistjoni, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ ta' dan l-appell;*

5. *Illi in oltre, jiġi sottomess illi tali penali nħarġu mingħajr ma' l-Awtorità talbet l-appellanti għal spjegazzjoni dwar l-allegati nuqqasijiet li rriżultalha jew tal-anqas tagħti l-opportunita' lill-istess appellanti jiddefendu l-posizzjoni tagħhom;*

6. *Illi huwa ċar illi l-Awtorità proċediet fuq ilment infondat ta' terz intiż sabiex jivvessa lill-appellanti b'mod abbużiv għall-aħħar mingħajr ma għamlet l-aċċertamenti tagħha u b'nuqqas ta' osservanza tal-liġi, prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-prassi addottata mill-Awtorità appellata f'każijiet bħall-preżenti;*

7. *Illi għalhekk, id-deċiżjoni tal-Awtorità illi timponi tali penali amministrattivi hija inġusta u illegali.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellanti jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata tas-27 ta' Diċembru, 2022 b' referenza BCA/P/2022/0261 u BCA/P/2022/0262 fl-intjier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rappreżentanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal dawn il-fatti, komunque jidher bl-aktar mod ċar li l-*

*motivazzjoni tad-deċiżjoni keient waħda u ċioe' n-nuqqas ta' aderenza mal-method statement;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umliment titlob lil dan l-Onor Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern in toto.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2023, l-kawża tħalliet għas-sentenza

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta żewġ deċiżjonijiet meħudin mill-Awtorità intimata fl-istess data li permezz tagħha ġew imposti żewġ penali amministrattivi ta' erba' mitt euro (€400) 'l waħda ("id-deċiżjonijiet");

Ix-xhud **Christopher Mercieca** xehed kif fil-21 ta' Diċembru 2022 l-Awtorità irċeviet rapport anonimu rigward ix-xogħlijiet li kienu għaddejjin fis-sit in kwistjoni ġewwa Triq it-Trux, fl-Għarb, Għawdex. Huwa ikkonferma li wara li saret spezzjoni minn rappreżentanti tal-Awtorità rriżulta li t-tqattiegħ mal-appoġġ kien lest pero rinfurzar ma kienx hemm. Dan kien imur kontra id-dikjarazzjoni tal-metodu. Ix-xhud stqarr ukoll li ħadd ma kien informa lill-Awtorità li ma kienx ser ikun hemm bżonn li jsir rinfurzar. Din kienet il-bażi tal-multa in kwistjoni. Meta l-Awtorità marret fuq is-Sit sabet il-ħajt tal-appoġġ imqatta kollu kemm hu bla rinfurzar. Ix-xhud ikkonferma li dan ma kienx in linea ma' dak li kienet tgħid id-

dikjarazzjoni tal-metodu. In kontro-eżami ix-xhud jikkonferma li ma saret ebda komunikazzjoni mal-appellanti qabel inħarġet il-multa in kwistjoni u dan *stante* li l-website tal-Awtorità tal-Ippjanar kienet wieqfa u allura ma kellhomx id-dettalji neċessarji sabiex jagħmlu dan. Huwa ikkonferma ukoll li f'komunikazzjoni li saret segwenti għall-multa mal-Perit Paul Dalli, hu kwota is-sentenza li ġiet miksura mid-dikjarazzjoni tal-metodu. Żied jgħid li l-Awtorità ma marritx fuq is-Sit qabel beda x-xogħol.

Ix-xhud **Perit Paul Dalli** xehed nhar il-25 ta' Jannar, 2023 u stqarr li ħafna mit-tħaffir kien lest u kien ilu lest. It-tħaffir mal-propjeta tat-terzi kontigwi kien ilu li seħħ u ma sarx minnhom. In fatti hu jgħid li dan kien sar mill-ġirien stess meta is-sidien tas-sit in kwistjoni kienu sidien preċedenti. Hu ikkonferma li kien għad fadal biss xi blat x'jitħaffer. Spjega ukoll li t-tħaffir sar 'l fuq mil-livell tat-triq u baqa nieżel sal-livell tat-triq. Hu spjega l-proċess li ġie addottat għar-rigward tat-tħaffir fejn hu jgħid li dan sar skont id-dikjarazzjoni tal-metodu bit-tqattiegħ isir kull metru u nofs b'apparat magħruf bħala '*gerriema'*. Huwa ikkonferma ukoll li wara li ra li l-blat li tqatta kien simili għal dak li kien tqatta' qabel, ħa d-deċiżjoni li ma kienx hemm bżonn ta' rinforz immedjat. Fuq mistoqsija tat-tribunal spjega li r-rinfurzar kien ser isir permezz ta' *strip reinforcement* tal-ħadid, *starter bars* magħqud ġol-*footstrip* u kif ukoll *concrete shuttering.* Il-Perit Paul Dalli insista li r-rinfurzar ma kienx meħtieġ li jsir b'mod immedjat iżda r-rinfurzar seħħ wara. Dan kien in linea ma' dak li jgħid id-dikjarazzjoni tal-metodu. Hu insista li ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex jissalvagwardja l-interessi tat-terzi milli ssirilhom ħsara

*L-ewwel aggravju*

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti, *ossia* fit-tielet eċċezzjoni mqajjma minnhom, huma jilmentaw li d-deċiżjonijiet huma neqsin minn raġunijiet sufficjenti għad-deċiżjoni finali tal-Awtorità. In fatti huma jgħidu illi filwaqt illi d-deċiżjonijiet b'mod vag jgħidu illi ma ġietx infurzata id-dikjarazzjoni tal-metodu, l-Awtorità naqset milli tispjega kif u fejn ma saritx tali implimentazzjoni u infurzar.

It-Tribunal jinnota li għalkemm huwa minnu li d-deċiżjoni tal-Awtorità mhijiex wisq elaborata u dettaljata, ma jistax jingħad li l-Awtorità ma mmotivatx jew ma tatx spjegazzjoni għad-deċiżjoni tagħha. Huwa minnu li l-Awtorità setgħet u tista' telabora d-deċiżjonijiet tagħha iżjed iżda dan ma huwiex obbligu li joħroġ mil-liġi u lanqas ma huwa impost fuq l-Awtorità fil-vesti

tagħha bħala entita' amministrattiva. It-Tribunal ma jarax għalfejn l-Awtorità għandha tkun mgħobbija b'responsabbiltajiet li huma mgħobbija bihom organi ġudizzjarji bħal ma huwa Arbitru, Tribunal jew Qorti. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad dan l-aggravju.

*Il-mertu*

It-Tribunal ħtieġlu li l-ewwel jifhem il-bażi ezatt li waslet għall-imposizzjoni tal-penali in kwistjoni. L-Awtorità in sostenn ta' din l-imposizzjoni resqet xhud wieħed *ossia* Christopher Mercieca li kien l-uffiċjal inkarigat mill-ilment anonimu li seħħ rigward il-materja in kwistjoni u li mar fuq is-sit sabiex jagħmel l-ispezzjonijiet neċessarji. Christopher Mercieca jgħid li l-bażi tad-deċiżjoni kienet li t-tqattiegħ mal-appoġġ kien lest mingħajr ma kien sar ir-rinfurzar neċessarju skond id-dikjarazzjoni tal-metodu. Hu jgħid ukoll li ma kienx hemm intervali ta' metru u nofs iżda kien imqatta mad-dawra kollha. It-Tribunal fehem li din kienet ir-raġuni li wasslet għall-imposizzjoni tal-penali amministrattiva.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota ix-xhieda tal-Perit Paul Dalli li jikkonferma li dan it-tqattiegħ mal-appoġġi kien ilu li sar 'l fuq minn għoxrin sena u dan peress li dan it-tqattigħ kien sar mil-ġirien adjaċenti. Mir-ritratti preżentati, inkluż mad-dikjarazzjoni tal-metodu jirriżulta li dan huwa l-każ u ċioe li t-tqattiegħ mal-ħajt tal-appoġġ kien ilu li sar. It-Tribunal jinnota ukoll dak dettaljat f'punt 4d tad-dikjarazzjoni tal-metodu: "*While reiterating what was declared in the original excavation method statement; The first 76 cm from both abutting properties were already excavated. The dimensions stated before were revised in this method statement upon a site survey and illustrated in Appendix A and Appendix C. Indeed, the rock can be considered to be sound given that both abutting properties transfer loads directly to the rock beneath foundations and no cracks or displacement was noticed because of movement in rock beneath.*" It-Tribunal iqis li dan kollu huwa konformi ma dak li ntqal mill-Perit Dalli.

In vista ta' dan it-Tribunal jifhem li r-rinfurzar mal-ħajt tal-appoġġ ma kienx sar minħabba din ir-raġuni, liema raġuni it-Tribunal iqis bħala waħda ġusta u valida.

It-Tribunal iqis li din is-sitwazzjoni setgħet faċilment ġiet evitata bi kjarifika da parti tal-Awtorità. It-Tribunal jinnota ukoll li n-nuqqas tal-Awtorità li tipprova tagħmel mezz sabiex tidħol fis-sit ma jistax jiġi injorat. Il-fatt li ma kellhomx id-dettalji tas-sid minħabba li l-website tal-Awtorità tal-Ippjanar kienet wieqfa ma hijiex raġuni valida. Hija prattika tajba u li dan it-

Tribunal jinkoraġixxi li fejn meħtieġ l-Awtorità tati l-opportunita lill-partijiet kollha konċernati li jatu l-verżjoni tagħhom. It-Tribunal iħoss li f'dan il-każ, din il-prattika kellha tiġi applikata. Jidher li f'dan il-każ hi għamlitu sa fejn jikkonċerna l-individwu li kien għamel l-ilment iżda m'għamlitux fejn si tratta l-verżjoni tas-sid. F'dan il-każ, din il-verifika tal-fatti kienet tgħin lill-Awtorità ukoll li tidħol fuq is-sit u jkollha vista sħiħa tas-sit in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu it-Tribunal ma jqisx li kien hemm ksur tad-dikjarazzjoni tal-metodu *stante* li r-rinfurzar ma kienx meħtieġ fi stadju fejn it-tqattiegħ mal-appoġġ kien sar qabel l-applikazzjoni u l-permess in kwistjoni. In vista ta' dan it-Tribunal iqis id-deċiżjonijiet bħala invalidi u l-penali amministrattivi imposti b'effett tal-imsemmija deċiżjonijiet ser jiġu revokati.

Għalhekk għal dawn il-motivi elenkati u fid-dawl ta' dan kollu l-appell ser jiġi milqugħ.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jiddikjara li d-deċiżjonijiet datati is-27 ta' Diċembru, 2022 u l-imposizzjoni ta' żewġ penali amministrattivi fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) 'l waħda għandhom jiġu revokati u kwindi jitqiesu nulli u bla effett.

**Dr Christopher L Vella** **Perit Samuel Formosa** **Inġ. Johan A. Psaila**